**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**

**Appell Nru: 179/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Marthese Micallef)**

**Vs**

**MARIO GALEA**

**Illum, 11 ta'Frar, 2002.**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Mario Galea li biha gie akkuzat talli fil-11 ta'Settembru, 2001, f'hinijiet differenti, u cioe', f'xis-2.30 p.m., u fid-9.15 p.m., fi Triq Hal-Bajjada, Rabat, ta daqqiet fuq il-bieb numru 17, Sqaq 1, Triq Hal-Bajjada, Rabat, u b'konsegwenza ta'hekk dejjaq u mmolesta w kkawza inkonvenjent lill-John Said u lill-Mary Rose Galea.

Rat is-sentenza moghtija fid-9 ta'Ottubru, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Mario Galea hati ta' din l-imputazzjoni w ikkundannatu ghall Lm25 ammenda, kif ukoll rabtitu

b'garanzija personali tiegu li ma jkellimx lill-John Said u lill-Mary Rose Galea ghal zmien sena taht penali ta' Lm100.

Rat ir-rikors t'appell ta'Mario Galea datat 10 ta'Ottubru, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet li-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi mix-xhieda li din il-Qorti semghet mill-gdid, hi ma ssib ebda raguni valida legalment ghaliex ghandha b'xi mod tvarja xi haga minn dak li ddecidiet l-ewwel Qorti kemm ghal dak li huwa l-meritu kif ukoll il-piena minnha mposta.

L-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb fis-sens li in bazi tal-provi li hemm f'dawn il-proceduri hi setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjonijiet li fil-fatt waslet ghalihom.

Ghalhekk l-appell ta'Mario Galea huwa michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermatha fl-intier taghha, inkluz kull ordni moghti mill-ewwel Qorti.